MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Numru 477/2003

Il-Pulizija
(Sp Bernard Zarb u
Sp Alexander Miruzzi)
vs
Vincent Abela, iben Joseph,
imwieled Tarxien fis-7 ta'
diċembru, 1946

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fl-14 ta' ġunju, 2002 u fiż-żmien ta' qabel, u dak ta' wara, f'Birkirkara u fi bnadi oħra ta' dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għall-bejgħ, jew importa għall-ħsieb ta' kummerċ,

merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq u cioe' 'T-shirts' tal-marka ENERGIE;
2. bi qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor ipproduċja jew ikkopja jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għal biegħ jew biex jitqassam xi artikolu jew xi ħaġa oħra u 'T-shirts' tal-marka ENERGIE bi ksur ta' jeddijiet li joħorġu mid-dmirijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u cioe' l-'One Fashion Limited' u soċjetajiet oħra, li tagħhom is-soċjeta' Ganado & Associates rappresentata mill-Avukat Dottor Anthony Cremona et hija rappresentanti, protetti bil jew taħt il-liġi ta' Malta;
3. u b'hekk jitqies li opera mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija a tenur ta' l-A.L. 120 ta' l-1992.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tordna l-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti. Kif ukoll, jekk ikun il-każ, tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta''spejjeż li jkollhom x''aqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri skond
l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' marzu, 2004 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li nstabu tlett 'T-shirts' fil-pussess ta' l-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat

l-artikoli 298(1)(f) u 298B(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-A.L. 120 ta' l-1992 u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mija u ħamsin lira maltin (Lm150) u tordna
d-distruzzjoni tat-tlett 'T-shirts' eżebiti. Fil-każ in eżami mhemmx lok
għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------